NATIONAL STATISTICS OFFICE • MALTA

14 ta’ Novembru 2021

**Kolletturi taċ- Ċensiment imqarrqa bil-volum tax-xogħol imwiegħda**

Nirreferi għall-artiklu ppubblikat fil-gazzetta “Il-Mument” nhar l-14 ta’ Novembru 2021, miktub mis-Sur Joe Mikallef u titolat ***‘Kolletturi taċ- Ċensiment imqarrqa bil-volum tax-xogħol imwiegħda’***. Nixtieq nikkjarifika numru ta’ punti li qed jiġu enfasizzati f’dan l-artiklu u li qed jitfgħu dubji fuq is-serjetà u l-kwalità tat-tmexxija ta’ dan il-proġett.

Dan huwa it-18-il ċensiment li qiegħed jagħmel l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) u d-diffikultajiet li qed jesperjenzaw numru ta' enumeraturi huma relatati ma’ fażi inizjali li kull ċensiment jgħaddi minnha, u li huma mistennija minn proġett ta’ dan it-tip.

Fl-ewwel ġimgħat ta' Ottubru, dan l-Uffiċċju bagħat numru konsiderevoli ta' *usernames* u *passwords* lil dawk id-djar li, skont ir-reġistri amministrattivi, dehru abitati. Nafu tajjeb li minħabba ineżattezzi f’dawn ir-reġistri u raġunijiet oħra tekniċi, kellna numru ta' djar li jew irċevew ittri doppji jew inkella ma rċevewx ittra. Dan appuntu jkompli jissostanza l-ħtieġa għal dan iċ-ċensiment, sabiex jiġu aġġornati r-reġistri li jintużaw għal skopijiet ta’ statistika u teħid ta’ deċiżjonijiet fil-pajjiż.

Kien hemm numru ta' dawk id-djar li ma rċevewx ittra li talbuna li nipprovdulhom il-kredenzjali biex jimlew il-kwestjonarju *online*. Kien hemm ukoll djar li ma nfurmawx lill-Uffiċċju li ma rċevewx il-*username* u il- *password*. Dawn tal-aħħar saru jafu bihom l-enumeraturi tagħna fl-ewwel fażi tal-ġbir tal-informazzjoni. Kien hawnhekk fejn kellna numru ta' enumeraturi li nfurmawna li kellhom aktar djar fl-iskeda tagħhom milli inizjalment sibna mir-reġistri tagħna.

Tajjeb li nsemmu liż-żmien uffiċjali tal-ġbir taċ-ċensiment jagħlaq fit-28 ta’ Novembru u mhux fit-23 ta’ Novembru, kif inkiteb fl-artiklu. Wara din l-ewwel fażi jiskatta proċess twil u kumpless fejn l-NSO jerġa’ jagħmel kuntatt mad-djar u mal-persuni li jkunu għadhom ma mlewx il-kwestjonarju. F’dan l-istadju, dawk l-enumeraturi li ma jkunux lestew xogħlhom għal xi raġunijiet validi sat-28 ta' Novembru, jitħallew ikomplu jaħdmu sabiex l-enumerazzjoni tintemm mill-aktar fis possibbli.

Wieħed għandu japprezza li fil-bidu ta’ kull ċensiment wieħed ma jkunx jaf eżatt in-numru ta’djar f’kull triq. Għaldaqstant, l-iskedi ta’ xi enumeraturi ma qablux man-numru tad-djar assenjat lilhom fuq il-karta. Pero’ dan huwa normali u aġġustamenti jsiru dejjem. Tajjeb li ngħidu li l-ħlas ta’ €1,300 se jingħata lil kull enumeratur li jagħmel xogħlu sew, u li jgħin lill-Uffiċċju jilħaq l-għan aħħari tiegħu.

Nirrikonoxxu li bħal ċensimenti oħrajn li saru, se jkun hemm enumeraturi b’numru ta’ djar aktar milli kien ippjanat għalihom. Dan iċ-ċensiment partikolari joffri l-għażla li l-kwestjonarju jimtela *online* u għalhekk se jkun hemm djar li ma jkollhomx bżonn l-intervent tal-enumeratur. Minħabba dawn il-fatturi se nimplimentaw sistema li tagħti kumpens xieraq lil dawk l-enumeraturi b’żieda sostanzjali fl-iskedi tagħhom. Sistema bħal din kienet prevista imma ma setgħetx issir qabel għaliex ma kellniex informazzjoni biżżejjed fl-ewwel ġimgħat.

L-Uffiċċju jikkonferma li l-enumeraturi għandhom il-possibilità li jimlew il-kwestjonarju bit-telefon, kif ukoll b'interview personali mal-abitanti tad-dar. Qed tingħata ukoll il-possibilità' li l-persuni jimlew il-kwestjonarju *online* anke jekk l-enumeratur ikun diġà kellimhom. Wieħed jista' jikkonferma li l-enumeratur huwa vera rappreżentant tal-NSO billi jċempel in-numru 1710.

Għal fini ta' korrettezza, l-Uffiċċju jippreċiża li l-enumeraturi qatt ma kienu infurmati li l-ħlas dovut lejhom mhux se jiżdied b'mod ġust ġala darba n-numru ta' intervisti li jagħmlu jkun ħafna ogħla mill-medja. Barra minn hekk, l-Uffiċċju qatt ma eskluda li xi enumeraturi jitħallew ikomplu jaħdmu wara it-28 ta' Novembru, kif qiegħed jindika dan l-artiklu.

Infakkar lil kulħadd bl-importanza ta' dan iċ-ċensiment u l-bżonn li kulħadd jikkopera mall-enumeraturi sabiex dan il-proġett nazzjonali jkollu s-suċċess mistħoqq.

Nibqgħu disponibbli għal kjarifiki oħrajn jekk ikun hemm bżonn.

Etienne Caruana
Direttur Ġenerali

**National Statistics Office, Lascaris, Valletta VLT 2000, Malta**
t. +356 2599 7000 | f. +356 2599 7205 | e. nso@gov.mt | w. www.nso.gov.mt